Il-Parti ta' Gian-Nikol

89 n.

# HEKK KELLU JKUN

jew

# KULHADD IL-HABS

Kummiedja b'zewg atti ta' CARMELO CAMILLERI

Irrangata ghall-irgiel biss minn G. Zammit

Jiehdu sehem:-

| | |
|---|---|
| GIAN-NIKOL | Missier |
| FREDU | Kugin |
| LUIGI | L'gharus tal-kugina |
| RAJMONDU | Benestant |
| PUPULL | Seftur tas-sur Gian Nikol |
| INDRI | Kok fid-dar tas-sur Gian Nikol |
| PIETRU | Kalzrier |

L-ewwel att fid-dar tas-sur Gian Nikol. It-tieni att fill-habs.

## L-ewwel Att

Kamra fid-dar tas-sur Gian Nikol bil bieb fin-nofs. Bieb fix-xellug li jati ghal-appartamenti tas-sur Gian-Nikol. Iehor fil-lemin li jati ghal dak ta Fredu.

SALESIAN THEATRE

- SLIEMA -

SCRIPT No. 272

## L-EWWEL ATT

### XENA I (PUPULL WAHDU)

Pupull (Jirranga il-mejda). Puh, ghal dak il-mument li thalt inservi f'din id-dar. U kieku qatt mument ta mistrieh. Pupull itla fuq, Pupull inzel isfel, nista nghid li jien barmil tiela u niezel; u meta ma nkunx pront maghhom, ħaghmlu idhom mrewha, ghax ilkoll jafu jaghtu bill-harta Ghad isibuni xi gurnata bit-trentun, u nghadqilhom il partita jien.

### XENA II (INDRI U TA' QABEL)

Indri (Jghajjat min gewwa) Pupull....Pupull.....

Pupull Ara inhix nghid kelma b'ohra.... Ara tismax hlief l'isem ta' Pupull hawn gew.

Indri (Jidhol) Ej, Pupull inti ma tismax?

Pupull X'il mnieghel trid, barra min fuqek, x'naqsek?

Indri Tghajjatx maghna bona grazzja tieghek sur Pupull. Jien il kok tafx.... ma hsiebtniex li jien xi seftur bhalek!

Pupull Kieku ma ghidtlix sur Pupull konna nitfettlu jiena u int, intant xi kemm ilek li taghallimt trewwah, Indri?

Indri (Jkun ser jahbat ghalih) Trid nurik kemm ili?

Pupull Ara ja miskin terfa jdejk fuqi, ghax niekol. Ma hsibtx li hemm xi divrenzja minn kok ghal seftur?

Indri Daqs kemm hemm divrenzja minn dundjan ghal fellus.

Pupull Sigur, ghax il-kok fit-tmienja jkun ga zaqqu mimlijja u is-seftur ikollu jistenna sa nofs inhar.

Indri trid taf xi haga ohra?

Pupull U min xi daqqiet tieklu ahjar mis-sinjuri. Ghaliex... kulltant... xi haga tajba....inti fhimtni xi irrid nghid.

Indri Ma fhimtekx, tkellem aktar car, ghax ser infattrek bhal biffstek.

Pupull Irrid inghid jien, illi il-kok jiekol li jrid hu, x'hin irid hu, u xi drabi jaghmel il-kont kif irid hu.

Indri Mela kif tghid int, li jien halliel?

Pupull Mhux halliel, imma... (Juri b'subghajh li hu halliel)Inti tifhem bis-sinjali.

Indri Pupull, kun af li hawn missejtni fl-unur issa.

Pupull Inti mhux ukoll ghidtli li jien seftur?

Indri Kos inti brikkun, ghixt, u brikkun tmut.

Pupull Basta ma mmutx kok.

**Indri** Seftur tal habba gozz... insulenti....u x'naf jien.

**Pupull** Imma miniex bil-fardal u bil beritta bhalek, donnok maskerat.

**Indri** (Jagbad siggu) X'Jien?

**Pupull** (Jagbad siggu iehor) Maskerat ghidtlek.

**Indri** Nirrani man sajjarx illum jekk ma nhallikx mejjet.

**Pupull** Ghafli sejrin niksurkx is-siggijiet l-iblah.

XENA III (GIAN-NIKOL U TA' QABEL)

**Gian** (Jidhol) Oh!.... Hawn x'gara?

**Pupull** Sur Gian-nikol, bhex tkun taf jien ma niflahx insoffrih izjed li dan il-mammalokk.

**Indri** Intix tara intix tisma, kun af sinjur li jien ma nogghodx izjed hawn gew jekk ma tkeccix lill dan il gidmejmun.

**Pupull** Intix tara, intix tisma?.....

**Gian** Se ndumu sejrin hekk?... Spiccajniha!.... Inti Pupull sikket ilsienek; u inti Indri mur sajjar kif kont. ged taghmel.

**Indri** Mieghi ghandek taghmila, ja qanfud li int.

**Pupull** Ogghod ras ta hmar (Ikun ser itih bis-siggu).

**Indri** (Jerga jagbad is-siggu) X'jien?

**Pupull** Ogghod l-iblah ghax nolqtu lis-sinjur.

**Gian** (Iferraqhom) Ghandniex il-hila nispiccawha donnhom shall dejjem? ~~fil mnieghel~~? Indri aqla u mur fil-kcina ~~tieghek~~; u int ogghod hawn ghax ghandi bzonnok.

**Indri** (Huwa u sejjer) Mejjet nohorgok min taht idejja. (Jitlaq)

**Gian** (Ikun se jtih dagga ta'harta) Jigifieri inti dejjem bix-xenati hawn gew?.... ghax intik dagga u ndawwarlek wiccek in-naha l-ohra.

**Pupull** Ara tati bil-harta sinjur; kun af li hu beda; jiena kont qieghed innaddaf il-kamra.

**Gian** Bizzejjed marr-ridx naf izjed. Mur lestili il-gistakor tal-festa, is-sidrija tal-tullier ~~sirijja~~, u l-pxkupiljhom sewwa.

**Pupull** Is-sidrija ta' l-Bellus ~~l-apalka~~ ma ghandix bzomm ta' xkuljatura?

**Gian** Is-sinjura ma tindahalx f'din il-bicca; mur.... ma dan kollu ersaq l-hawn (wahdu) Halli niehu xi haga min ghandhom ~~ghand~~ dan l-iblah, naraw in-nies xi tghid ghas-sur Rajmondu.

Pupull Ghid sinjur.

Gian Ghidli, inti smajt ~~xejn~~ li jiena ser inzewweg lis-sinjorina Nina?

Pupull Ser izewwigha ġahasra.... kemm sejrin inkunu koroh minghajr mara fid-dar;

Gian Certament ghall-ahjar!.... Il-gharus tafu int?

Pupull Is-sur wisq il-kugin taghha zgur.

Gian Hekka sinjur, aktar milli tifhem int, tafu int jew ma tafux?

Pupull Min hu sinjur?

Gian Is-sur Rajmondu, Dak in-negozjant li gie il-bierah, meta baghatek iggib il-gelati

Pupull Ma nghadx inhares lejh sewwa, izda jidhirli li dak xih wisq ghaliha.

Gan Ghajjat, ghax ma jiena nifhem xejn.

Pupull Ghidtllek dak ghandu annati.

Gian Tbati?... Tbati ma nin ghandu ~~lletin skud~~ kemm li renta kulljum?

Pupull Iva eh?... Hija xi tghid sinjur? Tifhem int li tikkuntenta?

Gian Jekk hix kuntenta?.... Jekk ma hiex tkun? Eh, Pupull, ilek tant seftur mieghi u ghadek ma drajtnix bizzejjed, meta nghid kelma ghid li harget min fomm ~~ta re.~~ l-oraklu.

Pupull Kemm kont drajt biha jien sinjur!...jahasra ghada halib l-omm fi snienа.

Gian X'inti tghid? Ghajjat.

Pupull Qieghed nghid li dak xih ghaliha.

Gian Xih jew guvni basta jkolla ragel, ix-xebbiet ftit jimpurthom.

Pupull Tghid int; mela ix-xebbiet kollha xorta wahda? In-nannu tieghi kien rabba xebba kienet xitana, barra min fuqa.

Gian Dejjaqtni titkellem qail qail, x'int tgerger?

Pupul Meta gie biex izzewwigha lil wiehed xih qaltlu nini, nini.

Gian Mur ghamel li ghedtlek, spiccajna.

Pupull Qaltlu nini, nini, x'issib? Kella lill hatt-iehor.

Gian Nina ghanda lil hattiehor?... Min qallek?...

Pupull In-nannu tieghi kont ~~mixxxxghaxxghidx~~ nisimghu jghid.

Gian Ghidlu jmur jorqod in-nannu tieghek, jghidlu li baghhtu jien, Nina ma hiex mill kwalita ta nisa li jahseb nannuk, spicca u mur ghamel li ghidtlek, qabel xejn gibli il-gazzetta. (Pupull jitlaq jidhaq) Jiena kont nistennieha li in-nies tghid li hu xih, imma in-nies dejjem issib xi tghid, ahjar

xih u ~~mhix~~ batuta, inkella guvni sabih u ~~mhabbta~~, ~~peraltru~~ is-sur Rajmondu ma naqtghux li ghandu aktar min sitta u hamsin sena u anqas jidrulu, inhossni nghir, anqas xaghra bajda ma ghandu... ghandi mitt sena sakemm jigi halli nara kif ser tkun il-laqgha taghhom. Fuq kollox hemm bzonn li inbieghed min hawn lil kugin taghha Wigi.

XENA IV (Pupull u Gian-nikol)

Pupull (Jidhol jidhaq bil-gazzetta f'idu)

Gian Inghid li innehhilek id-dahq kollu li ghandek, gib il-gazzetta.

Pupull Ghax meta ghidtilha lis-sinjura bdiet tidhaq, qaltli mur ahsel wiccek, mela is-sinjur jaf jahdem il-kalzetta.

Gian X'inti tghid, biex inti tidhaq?

Pupull Inti xi tlabtni sinjur?

Gian Il-gazzetta.

Pupull Qaltlek ma tafx tahdima

Gian Fuq il-mejda it-tonda qieghda

Pupull X'inhi?

Gian X'ghidt?

Pupull X'inhu?

Gian (Infaskat) Hallini minnek, qieghed itellifni hafna zmien u ma jien nifmek xejn. (Jitlaq)

Pupull U anqas jien; mela qbilna.

XENA V (LUIGI U PUPULL)

Wigi X'hemm Pupull?

Pupull (Wahdu) Ghandi aptit nghidlu x'hemm bil dan ghax ma naghmilx id-dinja bil-maqlub jien.

Wigi Dalghodu bla kliem Pupull?

Pupull Sinjur inti taf kemm inhobbok jien hux?

Wigi Izbah din, xejn ma jonqosni izjed issa.

Pupull Kun af sinjur, li jien qieghed narak u nibkik.

Wigi Ej, nehilsuha, jiena din il-kunfidenza mieghi mar-ridx izjed, u ftakar li inti isseftur. (Ipoggi bil-qieghda)

Pupull Jahasra kemm hi filsienkom din il-kelma ta seftur. (Wahdu) Ghandi aptit nghidlu.

Wigi Is-sinjurina fejn hi?

Pupull Ilu ftit kienet fil-kamra taghha u hemm nahseb li ghadha, u jekk ma ghadiex hemm, mhix fil-kamra taghha, ghax tkun marret jew fuq il-bejt jew fil.....

Wigi Ser iddum tghid.... Is-sinjur fejn hu?

Pupull Ftit ilu kien hawn. (Wahdu) Ghandi aptit inzerzaqielu. (Lil Wigi) Ahna ghal meta sinjur.

Wigi Pupull, ghidli haga fejn taghallimta l-edukazzjoni?

Pupull Sinjur ser inghidlek fuq fuq; ahjar tkun tafa int inkella jien. Kun af sur Wig li int milghub hawn gew.

Wigi X'hinu milghub?

Pupull Voi sono giocato qui!..Is-sinjurina sejra tizzewweg lis-sur Rajmondu.

Wigi Tghidx hmerijiet, tivvinta kull wahda int.

Pupull Mhux nivvinta sur Wig... Ukoll is-sinjur staqsieni jekk jien nafux u jekk jogghobniex; jibqa bejnietna dan li ghidtlek.

Wigi Ajma x'kalandru fik, la tibda ittaqtaq ma zommok hatt.

Pupull Ara gej is-sur Fred min jibqa hâj. Min dak li ghidtlek bhalli kieku ma ghidtlekx xejn, Xi tghid sinjur, halli nibqaw hbieb sa lahhar.

XENA VI (FREDU U TA' QABEL)

Fredu (Jidhol) Ara Wigi, kif ahna Wig?

Wigi U hekk, kif ahna?... Ma tafx bhali?.... Nina fejn hi?

Fredu Nina qieghda gewwa, tghid li mhabbta bhal min hu mhabbat.

Wigi U xi mhabbta, li kienet floki naraw x'kienet tghid.

Fredu Ma tafx, kulhadd ihoss id-dwejjaq tieghu.

Wigi Jiena li ma kienetx ghax spiss nahseb fiha, kieku ili mejjet.

Fredu Ghid is-sewwa, mela kollox sewwa bejnietkom hux?

Wigi U nghid, l-aqwa ghadda.

Fredu Il biza tieghi ghaliex il-bahar qawwi ghadu gej ghalina, u mhux ghadda.

Wigi Jaqaw, x'inqala mill gdid?

Fredu Jiena nghali ghalik, ghax wara li gibtu tant rispett lil xulxin....

Wigi Iva x'gara?.... nista naf?

Fredu Hemm bzonn tara kif taghmel u tghid lil missierek forsi jirrimedja xi haga u tehilsuha dil bicca.

Wigi Sibt lil min semmejt, kemm ghna helwin, dalwaqt ghadu kemm halef li jrid isifirni.

Fredu	Dab l-ghala?

Wigi	Ghaliex sema li jien g harus.
Fredu	U lill Nina jrida bill force tiz-zeqqeg lill wiehed .........
Wigi	Naf min hu.

Fredu	Jaqaw smajt?

Wigi	Lis-sur Rajmondu huz?

Fredu	Min qallek?

Wigi	(ahdu)Ma kienx cajt ta Pupull. (Lill Fredu) U allura x'sejra tid-decidi?

Fredu	Hija diga iddecidiet. Jew tkompli il kelma li taghat lilek, inkella tibqa kif inhi.

Wigi	Hemm bzon nahsbu ftit kif nidhqu bis-sur Gian Nikol u ninalqu min din il burraxka.

Fredu	Jiena ma' naghlix fuq li ghedtlek, daqs kemm qed naghli fuq li qalli l-papa biex nghidlek li lilek ma' jridekx hawn gew izjed.

Wigi	Inti ghamel kont li ghettli u jiena naghmel kif l'aktar jajbilli.

Fredu	Allura kif sejrin tibqghu int u Nina?

Wigi	Hemm bzonn, li int, Nina, u jien innassu; araw x'tivvintaw biex igghalu lis-sur Rajmondu stess jitlaq wahdu.

Fredu	Imma kif naghmlu ghidli?

Wigi	Ara ghid lil Nina tahsiba ftit, ghax in-nisa ghal xi haga hekk rashom tahdem iktar min ta' l-irgiel. Jiena sejjer, intom taqtghu qalbkom xejn, dalwaqt immur insib lis-sur Rajmondu u naghmel wahda min dawk in-nasses tieghi li mhux ghalkemm jinqala minha.

Fredu	Ghogod attent li ma taghlix u tghalli lill Nina.

Wigi	Halluni nahdem jien; il filugranu naf nahdmu tibzax, u x'hin tara lil dak il-galantom tas-sur Gian-Nikol ghidlu li jiena gejt u Nina keccietni, kuragg Fred, sahha ghalissa.

Fred	Sahha Wig. (Wigi jitlaq) Halli navsa lill Nina biex ma toqghodt tikkonfondi xejn u naraw x'nivvintaw, halli immur (Jitlaq)

XENA VII (PUPULL MIN-NOFS)

Pupull	Halli naraw x'behsibu jikkmandani naghmel izjed; issa baghtni noqghod ghassa biex inghidlu meta jigi is-sur Rajmondu. Ghandniex il-hila nispiccaw hej, ghax issa ddejjaqt!.. Ara min ghandu jizzewwega lill Nina ifittex jizzewwiga u arana bil-lest. (Jisma tahbita) Min hemm? Ghaddi u nehilsuha Aqta kemm nidhaq ghax jiena das-sur Rajmondu ma nagharfux.

XENA VIII ( RAJMONDU U PUPULL)

Rajm	Skuzi, abbuzajt u bqajt diehel.

Pupull Abbuza kemm trid, la dhalt dhalt issa... x'hemm tajjeb?

Rajmon Is-sur Gian-Nikol hawn?

Pupull Iva sinjur, poggi.

Rajm Is-sinjurina hawn?

Pupull Nina?...dik gewwa.

Rajm Tridx tghid lis-sur Gian-nikol li jiena gejt .

Pupull Sinjur jien ma nistax nillarga ghax qed ghassa.

Rajm Ghassa ma min?

Pupull Ghaliex is-sur Nikol sejjer izewweg is-sinjurina Nina, u issa ghandu jigi l-gharus biex jaraha, jien qieghed hawn nistennih biex kif jigi immur navsa lis-sinjur.

Rajm Mela mur ghidlu li l-gharus gie.

Pupull Il-ghala ma ghidtlux jghaddi?

Rajm Mur ghidlu li ghidtlek. Il gharus tas-sinjurina Nina huwa jien.

Pupull (Jibqa jhares lejn minghajr ma jitkellem)

Rajm Mur jekk ghandek.

Pupull Inti?... Inti huwa l-gharus ta dik il beccuna taghna?

Rajm Jiena iva. Mur ghidlu li gejt.

Pupull U hallina minnek, ma hsibtx li ser tidhaq bija!...Jaqaw trid ticcajta sinjur? (Jaqbad jidhaq f'wiccu)

Rajm Inti lili biex haddtni ja fakkin l-int, b'xi purcinell tieghek ghid? Mur ghamel li ghidtlek ghax ser nidhol jien u naqieghdek tajjeb mas-sinjur?

Pupull Huxx tridni immur nghidlu, arani sejjer, imma tghidx kemm ser jidhaq meta jarak (Ikun sejjer)

Rajm Kemm int insulenti.

Pupull Kun af sinjur jekk inhi xi cajta tkellem, ghax ngur naqghaluha it-tnejn.

Rajm Int sejjer jew... (Ikun ser jerfa il-bastun ghalih)

Pupull Sejjer sejjer (Jitlaq)

Rajm Mela mur, ghax ser naqsam dan il-bastun fuq rasek. Sbejha din ukoll!... Jekk nogghob lill l-gharusa bhal ma ghogobt lil dan fiil frisk jien....

XENA IX (Indri bl-imrewha tan-nar u ta qabel)

Indri Dawn x'vergonji huma?

Rajm X'jismek, tai tghidli jekk idumx ma jigi is-sinjur?

Indri Dan il-ghala trid tafu?

Rajm Kelli bzonn inkellmu.

Indri Tridx immur nghidlu?

Rajm Kif joghgbok.

Indri Min nghidlu li int?

Rajm Ghidlu li hemm il-gharus tat-tifla.

Indri (Wahdu)Gimgha u sibt!!!

Rajm Ghidlu li ili hafna nistenna.

Indri Inti l-gharus tas-sinjurina?

Rajm Jien iva.

Indri Isma sinjur, jien kok, hadt ghadu ma dahaq bija, u anqas tidhaq int. Wiccek ta biex inhu?... Mela int il-gharus eh? U hallini minnek....

Rajm Tajba, sabiha din ukoll issa.

Indri Sabiha jew kerha mur ghidlu int, ghax jien ghandi x'naghmel. (Huwa w hiereg, wahdu) Mela x'naghmel ma mmurx nghidlu jien, biex jaghmel ghalijja ghax jahseb li irrid nizzufjetta bih. (Jitlaq)

Rajm U x'inhu igerger?... Intant ghandna tnejn. Dawn kumplimenti ghodu ghodu, imma bilfors ghandi xi haga li qieghda hazin fuqi, kieku ma kienux jilqghuni hekk dawn iz-zewg fakkini. (Ipoggi bilqieghda)

XENA X (Fredu b'maktur imdawwar m'ghonqu u barmil f'idu jaghmel ta bir-ruhu kamrier u ta' qabel)

Fredu (Wahdu) Hemm bzonn li nibda nidhaq bih, ghax mhux sewwa li inhalli jirnexxi iz-zwieg ta dan ilmummja ma ohti. (Lil Rajmondu) Serv tieghek sinjur.

Rajm Eh, skuzi, sinjorinu.....

Fredu Eh, jahasra! Kemm xtaqtni kont sinjur; izda id-disgrazzja tieghi hi li jien kamrier.

Rajmo (Wahdu) Gia, la il kamrier huwa hekk edukat ~~u gustus~~, mur ara is-sinjurina Nina kemm hija ahjar. (Lil Fredu) Ghidli jekk joghgbok, is-sur Gian Nikol hawn? Hareg, reiqed, insomma nista narah?... Ghax ili hawn diga kwarta nistenna.

Fredu Anqas sejjahtli?...Jew ghall-inqas lil xi seftur iehor?

Rajm Gew tnejn ilu ftit, izda m'humiex sefturi, annimali.

Fredu Il ghala?

Rajm Il-ghala? Ghax malli semmejtilhom li jien l-gharus tas-sinjurina ħdew jidhqu bija.

Fredu Ih?... Inti huwa il-gharus tas sinjurina tieghi?

Rajm (Wahdu) Nisimghu din issa. (Lil Fredu)Jiena iva, ghadek anqas taf?

Fredu Eh, Imsejken jien kemm jien xortija hazina!....

Rajm Xortik hazina? U xi gralek?

Fredu Is-sinjura tieghi sejra tizzewweg lilek, u jien ghax fqir kullħadd jarani ikrah, darba ridt nizzewweg lil wahda seftura ohra u ma riditnix ghax qalet li jien ikrah.

Rajm (Wahdu)Jekk dan ikrah, mela jien x'jien? (Lil Fredu) Izda taqtax qalbek tasal tieghek ukoll taf.

Fredu Ma kienx mument li gejt hawn int dalghodu.

Rajm Il-ghala?

Fredu Nisthi nghidlek ikkumpatini, kun af sinjur... ih, nisthi nghidlek...

Rajm Ghid, ghid, minni mghandekx ghaliex tiddejjaq.

Fredu Possibbli li ma ndunajtx, ma jistax jkun.

Rajm Aqlaghha il kelma ghax dejjaqtni.

Fredu Kun af mela li... li ohti hekk kif ratek gurnata wahda meta kont ghaddej min quddiemna, hasset qalba tingibed lejk... dak wiccek... dik persuntek...

Rajm Imbierek min hu sabih. Umbghat jghidu li in-nisa ma jghafux jaraw.

Fredu Issa xi nghidlha tghid lil ohti?

Rajm Xi tridni nghidlek ibni?... Jiena lill ohtok anqas nafa, u kieku stess jien gejt biex nara lil gharusa tieghi Nina.

Fredu Ma tistax....

Rajm Inhalli lila u nizzewweg lill ohtok?... Ma tarax li inti tlift rasek. Ghamilli piacir mur ghid lis-sinjurina li jiena gejt.

Fredu Jahasra, il ghala trid tiksrilha qalba lil ohti?

Rajm (Wahdu) Ara fiex sibt ruhi dalghodu.

Fredu X'ghidt?

Rajm Ma ghidt xejn.

Fredu Inti x'jismek? Ghidli x'jismek almenu.

Rajm Ghala le, isbaħ din. Jien jisimni Rajmondo.

Fredu Rajmondo!.. Oh, xi gmiel ta isem. (Jisma hoss) Iskot gej xi hadt. Nitolbok li ma tghid xejn, qalbi sur Rajmondu, x'inhu sewwa ghidt?

| | |
|---|---|
| Rajm | Rajmondo. |
| Fredu | Sewwa mela is-sur Rajmondo. (Jitlaq) |
| Rajm | Dan, dan, x'xitan ta kamrier hu? |

XENA XI (GIAN-NIKOL U TA' QABEL)

| | |
|---|---|
| Gian | (Jifrah bih) Oh, sur Rajmondu ta qalbi, kif ahna? |
| Rajm | X'minnek sur Gian-Nikol? |
| Gian | Ghoqod bilqeghda strieh. Forsi hallejtek tistenna ftit izzejjed, nitolbok tiskuzani. (Ipoggu) |
| Rajm | Ghamilli pjacir. xejn komplimenti. Nigu issa ghal bicca taghna. |
| Gian | Ghajjat tibzax hadd ma jismaghna. |
| Rajm | Qa bel xejn ic-ckejkna taghna x'minnha? |
| Gian | Ghadni ma rajtha xejn dalghodu. Dalwaqt insejhilha, ahna sur Rajmondu il gimgha id-diehla mistaw nispiccaw minn kollox. |
| Rajm | Kif trid int. Kif taghmel int ben fatt. |
| Gian | Nhar il-Hadd?... ~~Sigur~~. Tajjeb! |
| Rajm | Ma nistax kieku nhar il-hamis?.... |
| Gian | Lill Markis? Dak stedintu. |
| Rajm | X'disgrazzja, trid kieku tfiehem u ma tistax. |
| Gian | (Jghajjat) Nina, Nina, halli min jarak. |
| Rajm | (Wahdu) Ghandi mitt sena sa kemm narah quddiemi. |
| Gian | (Wahdu) X'inhu igerger wahdu? |

XENA XII (FREDU LIEBES PULIT U TA QABEL)

| | |
|---|---|
| Fredu | Sur Rajmondu, jekk ma tiehux fastidju, Nina dalwaqt tkun mieghek. |
| Rajm | Xi gmiel ta nies hawn fid-dar!. Tohrog ghageb kemm jixbah lil kamrier ta l-ewwel dan. Nitolbok tippermettili noffri lis-sinjurina Nina ~~permezz tieghek~~ ir-rispett l-aktar sincier tieghi, li bihom jinsab migbud lejha l-~~umli u devot serv taghha~~ is-sur Rajmondo. |
| Fredu | (Wahdu)Qisu ghalaq xi ittra. Sinjur inti qieghed tikkonfondini b'dawn il kumplamenti kolla; ma nafx bliema mod nibda nirrispondi ghan-nom ta ohti Nina, ma nsibx termini bizzejjed biex infissirlek listima, ir-rispett li bihom tinsab attakkata versu lejk l-umilissima u devottisima Nina. |
| Rajm | (Wahdu) Min ta gewwa ahna! |

Gian — Immur gewwa? dan li kont ser naghmel. U kif ghada ma deritx dalghodu Nina? Halli immur insejhila, Ippermettili ftit sur Rajmondu(Jitlaq)

Rajm — Mur ghal-affari tieghek sur Gian-Nikol.

Fredu — (Wahdu) Wisq nibza li ma jirnexxilniex dak li qed jigini f'mohhi. Kemm ser jaqla fuq wiccu miskin.

Rajm — Intant kif tahsiba Nina da parti tieghi?

Fredu — Ghal issa qeghda tahseb fik.

Rajm — Possibbli? Ghidli nghogobha jien?

Fredu — Uh!. U kif.

Rajm — (Wahdu) U kemm thobbni ghanda tkun.

Fredu — Sur Rajmondu, Nina qaltli li it-tieg taghkom hemm bzonn li isir il-lejla qabel ghada, halli min ghand xi hsieb f'moghhu inehhih.

Rajm — Kif?.. Fehmni ftit x'ghidt..

Fredu — Eh, Kemm tinsab imhabbta!..Nina ghandha xi sitta kolla jiggieldu imhabba fiha. Fost dawn hemm wiehed kugin taghna, halef li joqtol lilha u lil zewga dik inhar tat-tieg taghhom, izda hi ma jimpurtahiex, qalet halli tmut basta tkun il gharusa tieghek.

Rajm — (Wahdu) X'wahdadin, din pozizzjoni mgharqa li ninsab fiha. (Lil Fredu) U min hu dan il-kugin?

Fredu — Eh, sur Rajmondu, Malta kolla tibza minnu, lili qalli li jafek lilek, u halifli li joqtlok, jien qed nighdlek ghax nirrispettak, imma tibza xejn taf, jekk tmut is-sur Gian-Nikol ikun qatlek.

Rajm — Il-ghala?

Fredu — Inti fejn taf x'ghamel il kugin biex Nina tiehu lilu, imma hija le, la lahqet iggennet warajk ma tridx tisma b'hattiehor.

Rajm — Mela allura is-sur Gian-Nikol irid izewwiga lili ghaliex ra li ma tridx tiehu lilu?

Fredu — U nghidlek hag'chra, basta ma tghidlux lil ~~papa~~ Gian-Nikol. Wara iz-zwieg tieghek u ta Nina sejjer jatikom in-nofs dota li weghedkom. Imma tibza xejn, halli tmutu bil guh, basta tkun ghaddiet taghha.

Rajm — X'jigifieri? Inti kollox tibza xejn? Jiena pero kif qieghed tghidli ma nistax nitgharras lil Nina qabel ma nerga nithaddet mas-sur Gian-Nikol... u nghid jien din Nina kif ghada ma gietx tarani?

Fredu — U tigi tibzax... imma ghamilli pjacir, ara ma tghidlu xejn milli ghidtlek ghax jekk ikun jaf joqtola sgur,

Rajm — Mela kif tridni naghmel? Lili sejrin tqeghduni bejn in-nar u l-ilma, m'inhix inghid ghalik u ghal Nina, anzi qieghed nara li hi thobbni izzejjed.

Fredu — Wisq, wisq ukoll...iskot gej is-sur Gian-Nikol, Nitolbok li ma thidlu xejm.

Rajm — Hallini nahdem•jien; jekk interraflu xi haga lil Nina ma insemmijiex.

XENA XIII (GIAN-NIKOL U TA' QABEL)

Gian — (Jidhol) Eh, allura xi nghidu tajjeb sur Rajmondu?

Fredu — Jekk tippermettuli ser nillarga ftit... (Isellem u jitlaq)

Rajm — Sur Gian-Nikol, kelli bzonn inghidlek kelma.

Gian — Il-kelma x'hemm bzonna, it-tieg mill-ewwel.

Rajm — Ismghani tajjeb. Jekk ghadni qatt ma sibt ruhi f'din it-tnassis.

Gian — U iva nhar il-Hamis, ghamel int.

Rajm — Imma qattus kemm hemm, din insulenza kbira li ma tismax.

Gian — Ghaliex qieghed issahhan demmek?.. Tajtek il-fakolta taghzel il-giurnata inti stess.

Rajm — Ifhimni bona grazzja tieghek. Ghidli it-tifla ghanda xi kugin.

Gian — Il-kugin?...Dak kollox lest, tajt ordni biex ma ihalluhx jersaq l-hawn.

Rajm — Jiena naf kollox. Lil kugin keccejtu meta rajt li ma stajtx taghemel iehor.

Gian — Kugin iehor? ~~Signor no~~ Mhux minn, wiehed ghandna, jismu Wigi. Ma kontx naghmlek hekk ghajjur Sur Rajmondu.

Rajm — ~~Basta~~ Ara, naqta qasir, ghax mieghek indum sena biex niftiehem. Jiena it-tifla ghogbitni ghad li ghadni marajtiex, u lila ghogobta ukoll milli nista nifhem. Issa irrid li nistendu il-kuntratt, u dak li ikun miktub hemm, hemm bzonn li jigi qabel il gharusa. Fhimtni x'ghidtlek?

Gian — Iva, iva, kollox fhimtek. Izda ma kontx nobsor ghalik ~~biex~~ k tghid li hawn gew brikkun kullhaddt.

Rajm — Jiena ma semmejtx dan. (F'widnejh) Ghidtlek nistendu il-kuntratt.

Gian — Il-kuntratt ga lestieh in-nutar.

Rajm — Nista naqrah jekk joghgbok?

Gian — Nistaw immorru ghandu issa jekk trid. (Icempel) Ghandek mumenti ftit u xejn nervusi sur Rajmondu.

Rajm — (Wahdu) Nervus mieghek, ghax hekk trid int.

XENA XIV ( PUPULL U TA' QABEL)

Pupull — Pupull quddiemek sinjur.

Gian — Newwilli il-kappell u il-bastun mill kamra tieghi.

Pupull — Pront mieghek sinjur. (Jidhol fil-kamra u jerga johrog bli-talbu)

Gian — Jiena jigu mumenti xejn ma inkun ahjar minnek, ma nara bi gbira xejn li inti nervus hekk. (Joffrilu niskata) Tiehu niskata?

Rajm Bin-niskata mas-sewwix dak li ghamilt.

Pupull Li tlabtni hawn sinjur. (Itih il-kappell u il-bastun).

Gian Immorru sur Rajmondu, halli tara hux kif ghidtlek.

Rajm Immorru mela. (Jitilqu)

Pupull Ara dagxejn x'gharus ghandna ma jiflahx jimxi, is-sur Wigi jghodd ghaliha mhux dan. Fih ghaxqa is-sur Wig... jien ma tantx nifhem, imma spies narah gheddej min taht it-tieqa taghna ixejrilha bil-maktur, u hi ixxejjirlu bil maktur ukoll...min jaf bil-fors li jiftehmu hekk... u ghax tghid is-sur Wig.....

XENA XV (WIGI U PUPULL)

Wigi X'hemm Pupull?

Pupull Hawn ahna sur Wig, min isemmih lesti biex tgawdih.

Wigi Min semmini Pupull?

Pupull Ara min, jien, qed nghid...intqajt mieghu is-sinjur?... issa ghadu kemm hareg.

Wigi Is-sinjur insemmijuliex ~~Ma jimpuranix mis-sinjur~~. Is-sinjurina Nina fejn hi? Mur ghidilha tigi.

Pupull Gejja sinjur. (Wahdu) Bil-fors kif ghidt jien, malli tisma lehnu, aragha gejja tigri, jinhabbu xi trid taghmel. (Jitlaq)

XENA XVI (FREDU U TA' QABEL)

Pupull (Jidhol Fredu) Ih, mhux is-sinjurina, hsibtu is-sinjurina lis-sur Fred.

Fredu Int hawn Wig?

Wigi Fejna Nina? M'hix hawn?

Fredu Iva qeghda fil kamra taghha.

Wigi Mur ghidilha li jien hawn allura Fred.

Fredu Ahjar le Wig, Nina qaltli biex inghidlek tiehu ftit pacenzja, ghax hi tibza wisq mill papa, allura inhbiet fil kamra taghha bhalliekieku m'hix hawn. Inti xi hsibt tajjeb Wig.

Wigi Jiena sejjer inqeghdhom fill frisk it-tnejn, sinja lil Rajmondu u kemm lis-sur Gian-Nikol. Inhhom ivvintajtu xi haga?

Fredu Jiena dahhaltlu zewg flieles f'rasu is-sur Rajmondu, kont ghoddni genn-intu. Ghidtlu li ghandha hafna iriduha u li inti wiehed minnhom, u li hlift li toqtlu, u ghidtlu wkoll, li min kull ma wieghdu il papa anqas behsiebu jaghtih in-nofs. Issa kont qieghed nisemma mill kamra tieghi smajtu ighidlu li jrid jara il-kuntratt.

Wigi Din haga zghira, isa tieghi issa, Is-sur papa tieghi taghni din l-ittra biex nehodha lil Pietru il-kalzrier. Jiena issuspettajt li fiha xi tradiment, ghamilt haga li ma ghamilta qatt.

Fredu Ftahta zgur?

Wigi Sigur li ftahta. Aqra ftit u ara x'kien fiha.

Fredu (Jiftah l-ittra u jaqra) "Sur Pietru, bl'ordni tal kummissarju tal-Pulizija ikkalzra lil min igib din l-ittra sakemm natik ordni ohra" Iffirmata Eustakju, Cancillier tal-pulizija. bravu x'bicca din, kif kont ser tinqghela.

Wigi X'jidhirlek eh?

Fredu Issa kif ser taghmel?

Wigi Flok immur kalzrat jien, sejjer indahhal lil hattiehor, u hekk jixraq ghax is-sur Gian-Nikol dahhal lis-sur Rajmondu gharus fid-dar u qala lili issa jiena indahhal lilu kalzrat u naqla lili.

Fredu U kif ser taghmel biex jirnexxi dan li ghidt issa?

Wigi Hu din l-ittra, ghamila gewwa envelop, ghatiha lis-sur Gian-Nikol, ibghatu biha ghand is-sur Pietru biex jistieden lil bintu ghat-tieg, taparsi habiba ta Nina. Is-sur Piet kif jiftaghha izomm lis-sur Gian Nikol kalzrat ghax hemm tghid l-ittra.

Fredu Allura?

Wigi Allura hu jibqa kalzrat, ~~immorru~~ niehu l'Nina ghand iz-zija tieghi, ghaliex diga taf b'kollox, u nidhqu bis-sur Gian-nikol.

Fredu Imma il papa x'ghandu x'jaqsam?

Wigi Ghandu mela, inti halli f'idejja. Dan kalzrat ghal giurnata u ghamel kif ghidtlek. Qies li l-ittra imur biha hu stess, ghax jekk jibghat biha lis-seftur, jehel kalzrat ~~kkoku~~ floku.

Fredu Qieghed nghid li hsibta tajjeb Wig.

Wigi U nghid, issa tara x'gej, u hekka taghna tghaddi. (Jitlaq)

Fredu Mur, mur ghal-affari tieghek, sahha. (Isejjah lil Pupull)

XENA XVII (PUPULL U FREDU)

Pupull Jien hawn sur Fred.

Fredu Jekk xi hadt jistaqsi ghal Nina, ghidlu li m'hix hawn.

Pupull Jekk ma tkunx hawn hux? Ghax jekk tkun hawn, nghid jien..,

Fredu Imma kemm int hmar, anki jekk tkun hawn, ghidl li mhix hawn.

Pupull Fejn tkun mela is-sinjurina?

Fredu Kemm iddum ma tifem, hija tkun hawn, imma inti ghandek tghid li m'hix hawn, fhimt issa? Ghax ghanda bzonn tibqa fil-kamra wehida. (Jitlaq)

Pupull Tajjeb allura. Hmmm! Hemm xi haga sgur, ma nafx kif inxomma dil bicca, tinten daqxejn, ghandu ittra f'idu, is-sur Wig nizel jigri, u x'naf jien, bil ghawg gej it-tieg tas-sinjurina. Eh, Nina, Nina kemm int hazina [~~gia mhux int un-nisa shaebek biss,~~ daz-zmien l-irgiel jaghdukkhom. Jien kelli sitta zijiet, kella mietu xebbiet! Jiena nixtieq illi ix-xebbiet kolla jigu mument hawn gew, halli jaraw hemmx fid-dinja tahwid aktar milli qed thawwad is-sinjurina Nina u da kollu ghax dahhlita f'mohha li trid tizzewweg.] Intant, hux trid nghid li m'hix hawn? Filwaqt li hi tkun qieghda fil-kamra taghha, tajjeb nighd li m'hix hawn, x'gara b'daqshekk? Mela mita ma tkunx hawn tassew, nghid li qeda hawn, ghandna mmorru.

TMIEM L-ewwel Att.

## IT - TIENI ATT

Intern ta' habs. Fin-nofs cancell. Mix-xellug biebmen bil gradi tal-hadid li jaghtu ghal kmamar tal-prigunieri.

XENA I (Pietru bil-mazz tac-cwievet f'idejh)

**Piet** Illum donna gejja wahda min dawk il granet tax-xoghol. Min banda is-sengha ta kalzrier ghodda xebbatni. Jiena nghid li verita qalbi inhossa tinkiser meta jiguni certa guvintur ghal korrezzjoni. Ghidu li tridu, Kalzrier ma iridc ikun missier... Trid ikollok qalb iebsa daqs il-blat.. Halli mmur nara hux kollox ghal ordni, u nistrieh kwarta. (Ikun sejjer)

XENA II (Gian-Nikol wara il kancell u ta qabel)

**Gian** Inti hu is-sur Pietru?

**Piet** (Jiftahlu) Jien hu, ghaddi.

**Gian** Bongornu. Ghandi din l-ittra bghatitni biha Nina tieghi biex tatiha lil bintek.

**Piet** Erhi l-hawn halli nara. (Jiehu l-ittra jiftaghha u jibda jaqra, kull ftit li jaqra jibda jhares lejn Gian-Nikol bhalliekieku jitkasa bieh)

**Gian** (Wahdu) Hawn hu il-lok fejn jingibdu widnejn il-guvintur brikkuni.

**Piet** (Jhares min taht il-ghajn lejn Gian-Nikol) Possibli?... Qieghed inhossni nistaghgeb. (Lil Gian Nikol) Sinjur, inti x'jismek bona grazzja tieghek. (Johrog notebook u lapes)

**Gian** ~~Signor no~~ Le! Le!, Ma hix it-tifla tieghi, imma rabbejta jien.

**Piet** Staqsejtek x'jismek?

**Gian** Gian-Nikol Marmara.

**Piet** (Jikteb) Kemm il-sena ghandek?

**Gian** Kemm il-sena ghandi? U x'ghandu x'jaqsam ismi u ~~is-snin~~ l-eta li ghandi ma l-istedina li gibtlek?

**Pietru** Eh! Eh! itellifnix zmien. Kemm il-sena ghandek ghidtlek?

**Gian** Nifhem jien gia wasalt...cioe skorrejt ~~is-sebghin~~ il-tmenin. (Wahdu) Dan il-ghala qed jikteb kemm il-sena ghandi u ismi?

**Piet** X'taghmel?

**Gian** X'ghidt?

**Piet** Ghidtlek x'taghemel, xi professjoni ghandek?

**Gian** Flissjoni?... Kumbinazzjoni hatt ~~rih il bierah~~ wahda il-gimgha l-ohra imma ghadditha.

**Piet** Mhux flissjoni, ghidtlek xi professjoni ghandek?

**Gian** Jien propriament benestant. Imma sur Piet, ghidli ftit x'jindahal l-isem ~~is-snin~~ l-eta u ~~x'naghmel?~~ l-professjoni?

Piet X'jindahal nafu jien!... Xih mill-kwalita tieghek; gharukasa, kbira daqsxejn biex ghadek ma tridx taghmel l-ghaqal.... imissek tisthi, fl-eta li ghandek, kella bzonn il familha tibghatek hawn biex tistrieh minnek.

Gian Ghax qed tohoda bi kbira? Inti dalghodu qieghed tohlom, jew?

Piet Dalwaqt nurik inhiex nohlom

Gian Dik l-ittra li tajtek baghtita is-sinjurina Nina, biex inti tatiha lil bintek. Dik stedina ghat-tieg; jekk inti trid taccetta tajjeb, jekk le ma gara xejn, hmar kont u mitja immur.

Piet Mela din is-sinjurina Nina lahqet il kummissarju tal-Pulizija?

Gian X'taghmel iggibli il-pulizija? Aghmilli piacir ~~gharaf~~ ara kif tkellim lin-nies u tinsultentanix jekk joghgbok.

Piet Ara sieheb tridx tigi daqsxejn mighi

Gian Fejn nigi mieghek?

Piet Ara fejn ghal-frisk hemm gew.

Gian Inti sur Pietru trid li nispiccawa bl-ikrah? Jekk inti fis-sakra mur orqod.

Piet Ara kif tithaddet hawn gew, smajt? Meta tkun qed toffendi lili waqt is-servizz, tkun qed toffendi lir-Re. (Jaqbdu min drieghu)

Gian Mnejn sa fejn nigi mieghek? U ghamilli piacir iltaqni...

Piet Kliem ftit ghidtlek, ma hemmx bzonn tfur!

Gian Z igur li immur (Ikun sejjer)

Piet (Izomm) U fejn inti sejjer, mela trid tghallini? Ersaq l'hawn f'din l-ittra li tajtni ghandi l-ordni biex inzommok arrestat.

Gian Arrestat? Dan il-ghala? Ara hallini minnek, aktar jien ukoll qieghed nitlef iz-zmien mieghek. (Ikun sejjer)

Piet Ersaq l-hawn ghidtlek ma nitbellhux.

Gian ~~Ahna jigifieri~~ Jiena ma nista ninfhem xejn. Kif ser nispiccawwa din il-bicca?

Piet Aqra u ara kif ser nispiccawa. (Itih l-ittra)

Gian "Sur Pietru. Bl-ordni tal-Kummisarju tal-Pulizija zomm Kalzrat lil min jikkunsinnalek din l-ittra sa kemm natik ordni ohra". Dan x-loghob hu? "Iffirmata, Eustakio, kancillier tal pulizija". U dan il kumissarju u il kancillier min qatt raghom b'ghajnejh?

Piet Intix perswas issa?

Gian Perswas, ma nghidx il-kuntrarju, izda dina nassa, jew xi zball tat-tifla. Dik it-tifla taghtieli biex nistieden lil bintek... Izda ma gara xejn. jiena dalwaqt inkun naf kif inhi dil-bicca. (Jerga jkun sejjer)

Piet Inti fejn hsibt li ~~ára~~ qiegħed hawn gew?

Gian Afli dina insulenza kbira, sur Piet, li inkun sejjer u kulldarba izzomni.

Piet Ej, nehilsu, imxi il-gewwa

Gian Lili tghidlix nehilsu, m'intix titkellem ma xi bahri jewwilla?

Piet Jekk ma tigix bit-tajjeb, insejjah lin-nies.

Gian Billi qed jingemghu in-nies x'gara b'daqshekk?

Piet Sur Gian-Nikol, imhabba fl-eta tieghek ma ~~jikkonvenix~~ jixraqx li nittrattak bhal guvintur, (Jaqbad min drieghu) Hu pacenzja u immorru bill qalb it-tajba.

Gian Naf li inti qalbek tajba; jiena ~~ma rajtx~~ induunajt li inti hadt zball! ~~Mhux ta' bl~~ Immella ~~xejn li~~ ma kien hawn hadt jismaghna, kieku, ara x'kienu jghidu in)nies?.. (Sadarittant ikun ser idahhlu fil-kalzri) Oh; ghidtlek ma nidholx.

Piet (Jaqflu) Jiena l-ewwel naqflek umbaghad tidholx. (Jitlaq min-nofs)

Gian (Jitaffcia mill-grada) Din insulenza tafx, li taqflu in-nies minghajr ~~ma Ikunu iridu huma~~ ma jridu! Nispiccawa sur Piet, dan ic-cajt ma jghogobni xejn, fhimtni?

XENA III (Rajmondu Wahdu umbat Gian-Nikol mil-grada)

Rajm Jiena dan il lok ma nafux, qatt ma dhalt fih. Qieghed inghid li jekk ikolli nerga nohrog sigur li nintilef. Issa fejn nibda insibu jien lil dan Gian-Nikol? Ma naghmlux li bghatitni ghalieh Nina biex tidhaq bija?

Gian (Min bejn il-gradilja) Sur Rajmondu!

Rajm Min sejjahli? Dan lehnu.

Gian Hawn. hawn, sur Rajmondu.

Rajm Oh, int hemm? Kont indum biex insibek.

Gian ~~X'jidhirlek~~ Ara x'ghamlitli dik il-brikkuna ta Nina. It-traditni.

Rajm Ittraditek? X'jigifieri ittraditek?

Gian Mur ghara kif taghmel tkellem ~~int~~ ~~mal~~ il-kumissarju tal pulizija, u ghidlu li hawn ~~[illegible]~~ nieħed b'iehor.

Rajm Fehmni ftit kif tinsab hemm gew.

Gian (Itih l-ittra) Ara x'nassa ninsab fiha sur Rajmondu.

Rajm (Jaqra bil-mod) Bravu! Sejjer tqghedni giemli ma xitana. Din hi kitbita?

XENA IV (PIETRU U TA' QABEL)

Piet Hawn kif dhalt int?

Rajm Jiena gejt infittex lis-sur Gian-Nikol?

Gian Sur Rajmondu, dak il-galantom dahhalni hawn gew.

Piet Gib hwan dik l-ittra.

Rajm Isbah din. (Itih l-ittra) Dik l-ittra.....

Piet Silenzju. (Jaqra)

Rajm Ghaliex jiena....

Piet Iskot ghidtlek.

Rajm X'jigifieri niskot?

Piet Int ukoll xi galantom? ..Verament ghandek wicc ta disclu! Ma tisthix thabbat il-familja, ragel mill kwalita tieghek?

Rajm Inti ma min hsibt li qieghed tithaddet?

Piet Kliem ftit, u lesti ruhek biex tidhol hemm gew. (Jindakalu il-kamra biswit Gian-Nikol)

Rajm X'inhu? Ghajjat ftit iehor halli nisimghem sewwa

Gian Sur Rajmondu, huwa donnu sejjer idahhal lilek wkoll.

Piet Skitniex hemm? Idhol il-gewwa (Jaghti dagga fuq il-grada)

Gian Tridx bil-mod, u gharaf kif jittratta man-nies.

Rajm Haseb li qieghed jittratta ma xi seftur bhalu.

Piet X'jien? Immodera ilsienek u atini ismek.

Rajm Mela x'naghmel. (Johrog billjett tal-vis a u jaghtihulu). Hekku

Piet Rajmondu Grech. (Jikteb)

Rajmondu Iva biex inservik, Rajmondu Grench, persuna konoxxuta.

Piet Ma jimpurtanix

Gian Hadlek ismek lilek ukoll sur Rajmondu?

Rajm (Lil Gian-Nikol) Meta ikun il-waqt nithaddet mieghek wkoll la tibzax.

Piet Hallik mid-diskors, isma lili. Kemm il-sena ghandek?

Rajm Ghandi sajjetta tiehu lilek u lill min impiegag hawn gew wkoll.

Piet Ghidtlek kemm il-sena ghandek?

Rajm M'ghandix naghti sodisfazzjon lilek!.. Iva nista naf min tak l-ordni li tarrestani?

Piet Dik l-ittra taghtieli.

Rajm X'ittra hi? Dik m'hix tieghi. (Lil Gian-Nikol) Tkellem int sur Gian-Nikol tal-freighen

Gian (jidhaq) Idhol ghamilli kumpanijja sur Rajmondu.

Piet (Lil Rajmondu) Jien ma nistax nitlef iz-zmien mieghek!

Rajm Jiena daqshekk qieghed nitlef iz-zmien. Iva inti xi trid minni?

Piet Jiena minnek marrid xejn. Ridt naf l-eta tieghek ghax ma ghidtlix izda ma jimpurtax, xorta wahda nobdi l-ordni li ghandi, dak li irrid minnek.

Rajm X'ordni hi?

Piet Li nzommok kalzrat.

Rajm Kalzrat?... Lili?... u dan fuqhiex?

Piet Fuqhiex mhux affari tieghi, u anqas irrid naf. Biss nerga nghidlek li jiena hemm bzonn nobdi l-ordni tas-superjuri tieghi li baghtek b'din l-ittra.

Rajm Mela inti ma tridx tifem li dik l-ittra.....

Piet Manafx u ma jimpurtanix.

Rajm Anqas jien ma jimpurtani. Ghaldaqstant ftehmna, inti ilhaq l-affari tieghek, u jiena sejjer ghall affari tieghi (Ikun sejjer)

Piet (Izommu) Zomm hemm, jiena inkun ilhaqt l-affari tieghi meta indahhal lilek hemm gew. (Jurih il-kamra)

Rajm Inti donnok m'intix ticcajta?

Piet Hawn gew mhux lok tac-cajt, u ehlisni jekk ghandek.

Gian Sur Rajmondu hu pacenzja la giet hekk!

Rajm Sur Gan-Nikol, meta inkun rasi u rasek nurik jien nihux pacenzja.

Piet Inti donnok krejtni mieghek; kun af li ftit ftit qieghed ittellali in-newvi.

Rajm Tista jekk trid tmur thabbat rasek ma kantuniera ghalija.

Piet X'naghmel?...(Jaqbdu min drieghu) Ara, immorru il gewwa hej.

Rajm U mur ghereq u hallini minnek.

Piet Gewwa qieghed inghidlek. (Jimbuttah dejjem lejn il-kamra)

Rajm Irrid sodisfazzjoni, iva niehu sodisfazzjon.

Piet (Jaqflu taht ic-cavetta) Hu sodisfazzjon issa. (X'hin ikun sejjer taqghalu l-ittra).

XENA V (GIAN-NIKOL U RAJMONDU MILL GRADI)

Gian Sur Rajmondu, lilek ukoll ~~qallek jmxi il-gewwa~~ hada jimbuttah huwa u diehel bik?

Rajm Sur Gian-Nikol, thallasa qares il-bicca li gratli illum. Niehu sodisafΘ azzjon tiegħax.

Gian		Sur Rajmondu kemm il-banketta ghandek fil kamra tieghek?

Rajm		Ghandi tavlament!.. Ma kienx mument li sibtni biex tgharrasni ghandek.

Gian		Hemm bzonn tghajjat, ghax minhawn ma jien nizimghek xejn.

Rajm		(Johrog il-bastun min-gol gradi) Dan fuq rasek nixtieq naqsamlek mhux x nghajjat.

Gian		Lili mhux ukoll bill-bastun dahhalni!

Rajm		Jien ma kellix insofri dana kollu imhabba f'Nina tieghek tafx.

Gian		Rajmond, qatt dhalt kalzrat int? (Jidhaq)

Rajm		Idhaq bija tibzax, ta kollox insib irkaptu.

Gian		Jiena sejjer niehu naghasa. Halli min jarak sur Rajmondu. (Jidhol il-gewwa)

Rajm		Jiena tawni in-nervi hawn gew.

XENA VI (PUPULL WAHDU)

Pupull		Jiena nidhol kull fejn insib affari taghhom!.. Mhux hawn, lesti ahna. Issa fejn nibda immur infittxu izjed?.. Il-ghala ma gietx tfittxu hi? Ili indur kwarta ma intqatx ma ruh. Issa il helwa naraw ghandix il-hila insib il bieb ta barra!! (Jinduna bl-ittra u jigbora) Din x'karta hi? Min jaf hix xi karta kambjali min dawk li iggib il flus mill bank bihom'. Dak pjacir kieku, mur arani bwiti mimlija bil-flus, kemm naqbes u nisfen kieku.

XENA VII (PIETRU U TA QABEL)

Piet		(wahdu) Mhux hazin, kuntent il-habib (Lil Pupull) Hawn x'inti taghmel galantom?

Pupull		(Jittanta jahbi l-ittra) Jiena?... Ghaliex jien gejt biex...eh... ghax lili bghatuni.... sieheb lis-sinjur tieghi rajtu xejn?

Piet		X'inhu baghtuk?.. Fhemni sewwa.

Pupull		Baghtuni biex inghidlu... Hej, jekk tarah ghamilli pjacir ghidlu; Pupull gie ghalik biex tfittex tmur (Ikun sejjer)

Piet		Stenn, stenn tghaggilx ibni. (Izommu)

Pupull		Hallini immur, sur, ghax il kok qieghed wahdu u m'hemm hadt id-dar.

Piet		Dik x'inhi f'idejk li qieghed tahbi?

Pupull		Xejn. (wahdu)Tghid nghidlu li sibta?

Piet		Gib hawn halli nara x'inhi.

Pupull		U ma hi xejn. Inti sieheb kemm tbati bil-kurzita?. Dina ittra li baghtli hija mill-Algiers

Piet		Gib l-hawn ghidtlek halli nara x'Algier ku.

Pupull Tassew taf, kieku ser nghidlek kelma b'ohra?

Piet (<u>Jahtafilu min idu</u>) Ghidtlek giba l-hawn.

Pu
Pupul Ghaliex dik l-ittra.....

Piet Ixx

Pupull La trid tafa....

Piet Ixx

Pupull Ara ixx?... Mela jien xi giocodi fogo

Piet Ittra ta huk din eh?

Pupull Jien ma nafx imbaghad hiex ta hija zgur!

Piet Mill-Algerija gejja din, eh?

Pupull Le, le sur Vicens eh... sur Gius... ghidtlek hekk biex nic-cajta. Dik sibta hawn.

Piet Iva hawn sibta, eh?

Pupull Isma x'qallek.... nirrani insir sinjur.

Piet (<u>Johrog lapes u il-ktieb</u>) X'jismek?

Pupull Pupull Kalamita

Piet Kemm il-sena ghandek?

Pupull Nizzel kemm trid

Piet X'jigifieri innizzel kemm irrid?

Pupul Ghamel tnax, jew insomma hamsa u ghoxrin.

Piet Tnax jew hamsa u ghoxrin

Pupull Nizzel hamsa u ghoxrin

Piet Inti x'taghmel?

Pupull Dak li trid int... Huwa hemm flus fil karta?

Piet Qieghed nistaqsik x'sengha ghandek?

Pupull Jien?... Seftur inservi fid-dar ta.....

Piet Ma Jimpurtanix fejn, imxi mieghi.

Pupull Gr azzi hafna khalli kieku... anqas jekk toqtolni ma nixrob. Hekk trid tixrob int afferik, jien darba ghamilli id-deni, u ghamilt halfa......

Piet Ma hsibtnix jewilla ghidtlek imxi mieghi biex nisqik hux?

Pupull Jien ma sraqtiex taf dik l-ittra!

Piet Spiccajna, nehilsu, march!

Pupull U ara hemm, mur ghereq int u il-march. Ghaqbad bill grazzja jekk trid Fejn ser tehodni issa?

Piet Kalzrat.

Pupull Kalzrat ghala?

Piet Din il-karta tghid li ghandi inzommok maqful, sinjal li inti disturbatur tal-familja.

Pupull Mela daz-zmien il karti kambjali tal bank ighidu x'jaghmlu fil-familja?

Piet Eh, oj, kliem ftit. Imxi mieghi.

Pupull Iva sur Vincenz jew sur Gius kif trid, jahasra kun ghaf li jiena....

Piet Ara hallini mis-sur Vincenz us-sur Giuse, ghoddok ghamilt mghamudija. Immorru (Imexxih min taht spallejh)

Pupull Jahasra jien ma sraqt xejn.... ajma, ajma.

Piet Idhol hemm, tibzax ma tmutx. (Jaghlqu magenb dik ta Gian-NIkol) Ghandna tlieta, imghammra gejja il-giurnata illum. (Jitlaq)

Pupull Ifthuli, ifthuli.

XENA XIII (GIAN NIKOL, RAJMONDU U PUPULL)

Gian Dan ghajjat li qed nisma jew qniepel ?

Rajm Dan veru l-infern tad-dinja!!

Pupull Sinjur jahasra iftahli... Sur Giuse....(Jghajjat) Sur Giuse, iftahli

Gian Dan raghad?

Rajm Skitniex?

XENA IX (INDRI U TA' QABEL)

Indri Fejn tridni insibu lis-sinjur u lil Pupull ghidla lis-sinjurina? Qaltli ejja ghidli kif spiccat laffari; x'affari?... Jiena fejn naf x'ghandhom bejniethom?....

Pupull Indri!

Indri Dan mhux lehen Pupull?

Pupull Hawn, hawn Indri.

Indri Ara Pupul, hawn x'int taghmel?

Pupul Dahhluni kalzrat ghax sibt karta tal-bank. Indri ara tistax tiftahli trid?

Indri (Biex jinkieh) Jiena halliel kif tridni niftahlek?

Pupull Dak biex niccajjta kont ghidtlek hekk.

Gian Indri hawn x'int taghmel?

Rajm Indri ersaq l-hawn.

Pupull Indri, isma lili tridx.

Indri Ara il-familja taghna kollha fic-cip.

Gian Indri ara tistax tissossa il-bieb

Rajm Indri, ipprova tieghi daqsxejn

Indri L-ewwel tas-sinjur, li kelli martell.

XENA X ( PIETRU U TA' QABEL)

Piet (Li jkun jissemma) Li kellek martell eh! Bravu x'galantom fik!

Indri U dak biex niccajta, int fejn sejjer b'rasek?

Pupull Iftahli sur Tonin ghar-ruh ommok.

Piet (Lil Indri) Taf li ghal kelma li ghidt hemm il piena ta hames snin gewwa, hux?

Indri Mela x'inhu? Imma jiena biex niccajta tafx; u kieku biss b'martell sejjer niftah?

Pupull Giurdien, giurdien tiela ma saqajja jahasra.... isaw.... ajjut.

Piet Skitna hemm? (Lil Indri) Imxi mieghi.

Indri Fejn?

Piet Fejn imbaghad tkun taf, suq

Indri Imma jien x'ghamilt?

Piet X'ridt taghmel izjed?...Jiena qieghed is-salarjat hawn biex naqfel in-nies u int gejt biex tifthilom.

Indri Issa jien ghandi biex?

Piet Imxi mieghi ghidtlek

Indri Jien kok tafx?

Piet Tant ahjar

Indri X'inhu tant ahjar? Sur e... jiena irrid immur insajjar.

Piet Ghalina ghidtlek. (Jaqflu fic-cip ta quddiem Pupull) Illum x'il frieghen inqala hawn gew?... Kemm fehsibkom thabbtuni?

Gian Sur Pietru

Rajm Sur Pietru

Pupull Ah Pietru... ejja iftahli... afli sejjer inghajjat kemm ghandi sahha u hila... ifthuli.... ifthuli..... ifthuli.....

Rajm Iakot xitan sturdejtni.

Gian Serja il bicca taghna donna.

L-AHHAR XENA ( PIETRU, WIGI, FREDU U TA' QABEL)

Fredu (Jidhlu) Sur Pietru, sur Pietru.....

Piet X'ghandi inservik, sinjur?

Fredu Gie xi wiehed jismu Gian-Nikol?

Pietru Gie, gie, mela ma giex ja galantom, int ukoll thabbat il familja?

Gian Hawn hu il-brikkun l-iehor.

Pupull Sur Wig, jien hawn iftahli trid?

Indri Jien hawn ukoll, sur Wig

Wigi Din x'bicca hi?

Fredu Dawn kif inhuma kalzrati ilkoll?

Pietru Nista naf x'inhu li trid sinjur?

Wigi Dalwaqt mieghek (Jghajjat) Sur Gian-Nikol kif trid li nibqghu?..Tatini lil Nina jew tibqa hemm gew?

Gian Iva, iva, isbah dir! ...Basta ma jehux fastidju is-sur Rajmondu.

Rajm Mhux niehu fastidju imma nirringrazzjakom.

Wigi Mela sur Piet, tridx bona grazzja tieghek tiftahlu lil dak?

Pupull)
Indri) Lil ukoll, lili ukoll.

Piet X'naghmel?... Niftah?... Int hawn x'ilhaqt?

Wigi Ghandek tkun taf li dik l-ittra jien kont mibghut biha, ghax baghtni missieri.

Fredu U ahna baghtna biha lis-sur Gian-Nikol biex b'hekk jehel kalzrat hu, u nehilsu minnu ghal ftit.

Pietru Dan x'ceflis hu?... Hawn gew x'lahaq?

Wigi Ma gar xejn, hawn il kontra ordni mill kummisarju tal-pulizija, u arana bil-lest.

Piet Mela kif qed tghid int thaqtu bir-Re?

Wigi F'dak il-kas inkunu dhaqna bik u mhux bir-Re, ir-Re x'ghandu x'jaqsam?

Piet Mela m'ghandux?...Bhal issa qieghed inservi lir-Re, u darb'ohra dan ic-cajt mghandux ikun.

Pupull Sur Wig, lili ukoll ohrogni, afli mhux jien sraqta il karta tal bank.

Indri Sur Wig, ghidli jiftahli trid?

Gian (Wara li Pietru ikun fetahlu) (Lil Fredu) Obbligat galantom, tafx il ghala ma naqlax idi......

Piet Hawn marridx glied.

Wigi (Lil Pietru) Lill ohrajn ma tifthilhomx?

Piet L-ohrajn x'ghandhom x'jaqsmu mieghek?

Wigi Iftah lil kullhadd

Gian (Lil Pietru) Injurant l-int, lis-sur Rajmondu mhux bl-ittra tieghi stess dahhaltu kalzrat?

Rajm Jien m'ghidtlekx li inti tajtieli.

Wigi Ifthilhom sur Pietru, jien responsabbli.

Pietru (Imur biex jifthilhom) Tafx il-ghala ma niftahx il ktieb hux... ghax, ghax....(Jifthilhom illkoll)

Wigi (Lil Fredu) Ma stajniex nirnexxuha ahjar, kos kif riedet Nina irnexxiet.

Fredu L-ittra tieghek riedet tkun ghaliha, kieku ma nafx x'kien isir.

Gian (Lil Fredu)Jigifieri biex Nina tizzewweg lil Wigi kien hemm bzonn taghmel dan kollu?

Wigi Ma gamaxejn sur Gian-Nikol, issa lis-sur Rajmondu nirringrazzjah talli cedili lil Nina.

Rajm Skunzani, jiena nirringrazzjak talli hattieli,

Wigi U issa sur Gian-Nikol, nispera li lili u il Nina tberikna , hux tassew

Gian Issa sewwa hekk, eh!... L-ewwel thaqtu bija kif ridtu, imbaghad tigi il benedizzjoni. Insomma it-tort mhux taghhkom; kull ma sar kollu gibtu jien, ghax ridtha tghaddi tieghi, u frattant ghaddiet taghhkom.

Pupull Ara sur Gian-Nikol ghati daqqa ta ~~gobla~~ pann fuq sidrek, u ghid, Si il fatta la volonta, hekk kellu jkun.

T M I E M